CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.13pm.

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

69.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li rċieva komunikazzjoni mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant fejn bagħat jinfurma li ma setax jattendi peress li kien ma jiflaħx.

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

69.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmienja u Sittin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

69.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

69.3.1 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra id-dokument fir-rigward tal-Bye Law propost għad-dhul tal-karozzini ġewwa l-Imdina. Wara li ġew diskussi l-klawsoli kollha l-Kunsill approva. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jibghat din il-kopja għal kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Ministru.

69.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-attivita' li kellha issir ġewwa l-Mdina fit-28 ta' Settembru 2018 issa ser issir fil-Foss tal-Imdina minħabba problemi loġistiċi peress li kienu ser jattendu 'l fuq minn 3500 ruħ

69.3.3 Is-Sindku ta' rendikont tal-mawra li saret mill-Kunsill ġewwa Beijing, Ċina b'rabta mal-Memorandum of Understanding li sar bejn il-belt ta' Dongcheng u dak tal-Imdina. Huwa qal li kienet esperienza utli ħafna fejn tpoġġew bazijiet sodi bejn iż-żewġt'ibliet biex din il-koperazzjoni titkompla fis-snin li ġejjin

69.3.4 Is-Sindku kien qed jipproponi li nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru għandha ssir il-ħarġa tal-anzjani. Il-Kunsill approva.

69.3.5 Is-Sindku qal li l-Majjalata li saret nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu 2018 b'rabta ma' Jum l-Imdina kienet suċċess fejn ammont kunsiderevoli ta' residenti attendew għal din l-attivita'.

69.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li b'rabta mal-Concourse D' Elegance li ser isir nhar il-Gimgħa 12 ta' Ottubru 2018 fi Pjazza San Pawl saret laqgħa ma' l-organizzaturi fejn ingħataw l-aħħar dettalji tal-attivita' u l-manutenzjoni li kellha ssir b'rabta mat-tellieqa.

69.4 **<u>Tiġdid tal-Kuntratt għal Knis tat-Toroq u Bulky Refuse- MLC 1/2016</u>**

69.4.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li saret il-laqgħa mal-kuntrattur fejn ġew diskussi s-servizzi addizzjonali li fl-opinjoni tal-Kunsilliera għandhom isiru b'rabta ma' dan il-kuntratt eżistenti biex tingħata dehra aħjar milli hi lill-Imdina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wara din il-laqgħa rċieva rendikont tal-ispejjez mill-Kuntrattur fejn juri li l-ammont mitlub mill-kuntrattur bħala żieda fil-prezz tal-kuntratt jeċċedi sew l-għaxra fil-mija (10%) skont kif stipulat fil-kuntratt eżistenti u li kieku kellha tinħareg sejħa ġdida ta' offerti b'dawn it-talbiet addizzjonali, is-somma globali ser ikollha effett negattiv fuq il-finanzi tal-Kunsill. Is-SE kien tal-opinjoni li l-kuntratt jibqa' kif inhu bħalissa u li għandhom jinstabu alternattivi oħra ta' għajnuna mill-Gvern Ċentrali.

B'rabta ma' din l-għajnuna, is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ġiet introdotta inizjattiva ġdida mid- Divizjoni tat-Tindif u Manutenzjoni bl-isem 'Blitz' fejn għadu kemm sar ftehim mal-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar u qed jingħataw servizzi addizzjonali mill-ħaddiema tad-Diviżjoni. Huwa qal li bħala Kunsill għandna nistħarrġu din il-possibilta'. Il-Kunsill approva u talab lis-SE biex jikteb lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr. Deo Debattista biex issir laqgħa miegħu f'dan ir-rirgward.

**69.5** **<u>Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet</u>**

69.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li minn nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2018, il-kumpania GO ser tibda tagħmel xi xogħolijet ġewwa l-Imdina fi bdil għat-teknologija fibre.

69.5.2 Il-Kunsill ġie infurmat li nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru 2018 ser tattendi is-Sinjura Michelle Muscat għal inawgurazzjoni tal-Pink October ġewwa Casino Notabile.

69.5.3 Ċirkulari Nr. SPI 11/2018- Ġbir ta' Informazzjoni dwar id- Devoluzzjoni ta' Siti u Propjeta' Pubblika lill-Kunsilli Lokali

69.5.4 Talba minn Natalis Notabilis biex jużaw it-Tomba bejn is-7 ta' Diċembru u 13 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill approva.

69.5.5 Cir AKL 2018/107- Ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill mhuwiex interessat li jidħol għal din l-inizjattiva minħabba nuqqas ta' riżorsi.

69.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv tenna li wasal iż-żmien li l-jiżdiedu l-ħinijiet u ġranet tal-ispezzjonijiet tal-Contracts Manager. Il-Kunsill talab biex il-Contracts Manager jibgħat kwotazzjoni għal dan il-għan u deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

**69.6** **Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

69.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-24 ta' Settembru 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 21,189.44

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li

69.6.2 kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**69.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, il-laqgħa ntemmet fit-4.35pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Otubru 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 24-10-2018_______